

6.3.2024

A9-0068/11

**Emenda 11**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0068/2024**

**Victor Negrescu**

Linji gwida ġenerali għat-tnejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 29a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***29a. Jitlob li jitqawwa l-programm Life, inklużi finanzjamenti speċifiċi għall-biodiversità u għall-ġestjoni tan-network Natura 2000, billi jiġi żgurat li l-finanzjamenti jitqassmu b'mod ekwu fost l-Istati Membri bil-għan li tiġi garantita l-protezzjoni effikaċi tal-habitats u tal-ispeċijiet;***

Or. pt

6.3.2024

A9-0068/12

**Emenda 12**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0068/2024**

**Victor Negrescu**

Linji gwida ġenerali għat-tnejjija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 29b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**29b. Jitlob, barra minn hekk, li jinhloq strument finanzjarju speċifiku b'allokazzjoni adegwata li jkollu l-għan li jappoġġja lill-Istati Membri u lill-entitajiet kollha li fuqhom ikollhom obbligi fl-ambitu tal-miżuri tar-restawr tan-natura previsti fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura; iqis li dan l-istrument jenħtieġ li jinkludi tal-inqas dawn l-aspetti li ġejjin: għajnuna diretta għall-miżuri ta' restawr, appoġġ għall-ħaddiema u għall-imprendituri u għall-produtturi mikro, żgħar u ta' daqs medju li jistgħu jintlaqtu, appoġġ għall-valutazzjoni tas-saħħa ekoloġika u veġetali tal-foresti u għar-riforestazzjoni bi speċijiet indiġeni, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-aktar milquta min-nirien fil-foresti;**

Or. pt

6.3.2024

A9-0068/13

**Emenda 13**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0068/2024**

**Victor Negrescu**

Linji gwida ġenerali għat-tnejn tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 31a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**31a. Jitlob li jiżdedu l-ammonti ddedikati għall-investimenti pubbliċi fl-infrastrutturi tat-trasport u għall-promozzjoni tat-trasport pubbliku u tal-mobbiltà sostenibbli; jitlob li tiġi kkunsidrata l-urġenza li jiġu appoġġjati l-infrastrutturi tat-trasport lokali u reġjonali fl-Istati Membri u mhux biss il-kollegamenti tranżnazzjonali, b'enfasi partikolari fuq il-ferroviji; jopponi l-fatt li tal-baġit tal-UE jintuża biex isahha is-sħubijiet pubbliċi-privati u biex jippromwovi l-privatizzazzjonijiet u l-liberalizzazzjoni tas-settur;**

Or. pt

6.3.2024

A9-0068/14

**Emenda 14**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0068/2024**

**Victor Negrescu**

Linji gwida ġenerali għat-tnejjija tal-baġitt 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 33a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**33a. Jappella biex programmi speċifiċi għall-biedja jissaħħu bl-għan li titrawwem biedja sostenibbli fl-Istati Membri kollha tal-biedja li tirrispondi għall-isfidi l-aktar urġenti, bħan-nixfa, it-tnaqqis fil-produzzjoni u ż-żidiet fl-ispejjeż tal-produzzjoni, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ dirett għall-produtturi u, fuq terminu medju, appoġġ permanenti għall-elettriku ekoloġiku u finanzjament għal xogħlijiet iżgħar tal-irrigazzjoni, inkluża l-installazzjoni ta' vaski maħsuba biex iżommu l-ilma; jappella biex id-deċiżjoni li jitnaqqas l-appoġġ fl-ambitu tal-iskema għall-bdiewa iżgħar titreġġa' lura; jappella wkoll biex il-proġetti ffinanzjati fl-ambitu tal-baġitt tal-UE jrawmu ċirkwiti ta' kummerċjalizzazzjoni qosra, remunerazzjoni ġusta, stabbli u dinjituża għall-produtturi, u biex il-Politika Agrikola Komuni tirrifeltti distribuzzjoni ġusta bejn il-pajjiżi, il-produtturi u l-produzzjonijiet, filwaqt li jibnehhew id-disparitajiet attwali u li jibbenefikaw f'termini relattivi lill-Istati Membri bl-ogħla defiċits ta' produzzjoni;**

Or. pt

6.3.2024

A9-0068/15

**Emenda 15**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0068/2024**

**Victor Negrescu**

Linji gwida ġenerali għat-tnejn tal-baġitt 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 33b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**33b. Jappella biex isir disponibbli appoġġ għas-settur tas-sajd ħalli jkun jista' jindirizza, b'mod ambizzjuż u prattiku, iż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni li jkollu quddiemu s-settur tas-sajd, b'mod partikolari, is-sajd fuq skala żgħira, artiġjanali u kostali; jappella biex il-FEMSA jikkonċentra fuq it-titjib tas-sikurezza tal-flotot u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, tas-saħħa u tal-iġjene abbord, fuq il-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' kumpens u ta' appoġġ għall-introjtu għas-sajjieda fid-dawl tal-instabbiltà tal-professjoni, u fuq l-appoġġ għal politika marittima integrata (bil-promozzjoni tar-riċerka marina u bl-iżvilupp tat-teknoloġija u tal-inġinerija marittima fil-forom kollha tagħha, inkluż il-bini ta' bastimenti aktar sostenibbli mil-lat ambjentali, u infrastrutturi portwarji f'reġim ta' ġestjoni pubblika, li tappoġġja s-sajd, biex b'hekk jiġi modernizzat is-settur, jiġu żgurati l-vijabbiltà soċjoekonomika u s-sostenibbiltà tar-riżorsi tiegħu u jiġu protetti r-rwol u l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi);**

Or. pt

6.3.2024

A9-0068/16

**Emenda 16**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0068/2024**

**Victor Negrescu**

Linji gwida ġenerali għat-tnejn tal-baġitt 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 45a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***45a. Jitlob is-sospensjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael, fid-dawl tal-prerogattivi stess tal-Ftehim, quddiem l-aggressjoni brutali ta' Iżrael kontra l-poplu Palestinjan; jitlob l-annullament tal-fondi fl-ambitu tal-programm Orizzont 2020 li jistgħu jintużaw għal proġetti militari jew b'użu doppju;***

Or. pt

6.3.2024

A9-0068/17

**Emenda 17**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0068/2024**

**Victor Negrescu**

Linji gwida ġenerali għat-tnejn tal-baġitt 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 46a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***46a. Jappella għal aktar appoġġ għall-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rifuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA) biex jiġi żgurat finanzjament adegwat biex tkun tista' tkompli u tintensifika l-ħidma umanitarja tagħha li ssalva l-ħajja;***

Or. pt

6.3.2024

A9-0068/18

**Emenda 18**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0068/2024**

**Victor Negrescu**

Linji gwida ġenerali għat-tnejnija tal-baġit 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 47a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***47a. Jitlob li jissaħħu b'mod sinifikanti l-linji baġitarji marbuta mal-koeżjoni, li l-appropriazzjonijiet tagħhom tnaqqsu fil-baġits sussegwenti;***

Or. pt



6.3.2024

A9-0068/19

**Emenda 19**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0068/2024**

**Victor Negrescu**

Linji gwida ġenerali għat-tnejn tal-baġitt 2025, Taqsima III – Il-Kummissjoni  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 47b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***47b. Jappella biex l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi jissaħħaħ, b'mod partikolari l-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI), biex l-iskema tas-sajd tal-POSEI terġa' tiddaħħal u biex tiġi stabbilita skema tat-trasport tal-POSEI bl-għan li jingħata appoġġ addizzjonali biex jiġu kkompensati l-iżvantaġġi u t-telf ikkawżati mill-periferiċità;***

Or. pt